**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 30 ta' Marzu 2023**

Rikors Numru: 595/22 AL

AB

vs

CB

(M.R. Numru 1771/1979)

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-ġuramentat mir-rikorrenti li permezz tiegħu espona:

1. Illi l-partijiet iżżewġu fis-16 ta' Settembru, 1979 u minn dan iż-żwieg kellhom tlett it-tfal, illum ilkoll magorenni.

2. Illi l-partijiet huma separati legalment b'sentenza tal-Qorti Civili, Sezzjoni Familja datata 28 ta' Ottubru, 2010) (Dok. A). Min din is-sentenza ma kienx sar appell.

3. Illi sussegwentement għal-imsemmija sentenza l-kontendenti kienu ffirmaw nhar is-sittax (16) ta' Diċembru, 2011 atti Nutar Ritienne

Bugeja Fenech kuntratt ta' modifika tas-sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili, Sezzjoni Familja ukoll hawn fuq appena citata (Dok. B).

4. Illi m'hemm ebda prospett ragjonevoli għal rikonċiljazzjoni bejniethom stante li minbarra li ilhom mifrudin il-fuq minn ħdax-il sena, illum għandhom ħajja totalment separata minn xulxin.

5. Illi kemm fis-sentenza tal-Qorti Ċivili kif ukoll fil-kuntratt ta' modifika ma kien hemm l-ebda manteniment dovut lil xi waħda mill-partijiet.

6. Illi l-fatti fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtieġa għal ksib ta' divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodiċi Ċivili.

Talab lill-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. TIPPRONUNZJA l-ħall taż-żwieġ tal-partijiet.

2. TORDNA lir-Registratur tal-Qorti sabiex, fiż-żmien prefiss għaldaqshekk mill- istess Qorti, javża lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-31 ta’ Jannar 2023;

Semghet lill-intimata prezenti fl-awla u fuq domanda tal-qorti twiegeb li m’ghandha l-ebda oggezzjoni li jintlaqgħu t-talbiet kollha kontenuti fir- -rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat ukoll illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-28 ta’ Ottubru 2010;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.